

Brussell, 2 ta' Marzu 2020  
(OR. en)

6458/20

SAN 67  
IPCR 10  
PROCIV 14  
COCON 7  
RELEX 174

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: **Thejġija tas-sessjoni tal-Kunsill Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur** tas-6 ta' Marzu 2020  
COVID-19  
*- Skambju ta' fehmiet*

---

Id-delegazzjonijiet isibu dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza fl-Anness għal din in-Nota. Dan id-dokument ta' diskussjoni fih informazzjoni ta' sfond għall-iskambju ta' fehmiet maħsub li jsir fil-laqgħa tal-Kunsill (EPSCO) fis-6 ta' Marzu 2020 u mistoqsijiet biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' fehmiet.

**Kunsill (EPSCO), 6 ta' Marzu 2020****COVID-19*****Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza***

L-ewwel każijiet ta' COVID-19 ġew irrappurtati f'Wuhan fil-provinċja ta' Hubei fiċ-Ċina fl-aħħar ta' Diċembru 2019. It-tifqigħa evolviet rapidament u affettwat partijiet oħra taċ-Ċina u ħafna pajjiżi oħra.

Fl-UE, l-ewwel każijiet ta' COVID-19 ġew identifikati fl-24 ta' Jannar 2020. Bi tweġiba għal dan, il-Presidenza organizzat laqgħa straordinarja tal-Grupp ta' Hídma tal-Kunsill: Ħbieb tal-Presidenza fis-27 ta' Jannar 2020.

Fit-28 ta' Jannar 2020, il-Presidenza Kroata tal-Kunsill tal-UE ddeċidiet li tattiva r-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR) fil-modalità ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni. L-IPCR huwa l-qafas tal-UE għall-koordinazzjoni, fl-ogħla livell politiku, fi kriżijiet transettorjali. Dan jinvolvi lill-Presidenza, il-Kummissjoni, is-SEAE, l-aġenziji rilevanti, il-Kabinett tal-President tal-Kunsill Ewropew, u esperti mill-Istati Membri u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-IPCR issir permezz ta' pjattaforma web iddedikata li tinkludi r-rapporti ta' Għarfien u ta' Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni (ISAA), mapep li juru s-sitwazzjoni u kontributi tal-partijiet ikkonċernati.

Fl-istess jum, il-President tal-Kummissjoni attivat it-tieni fażi tas-sistema ta' koordinazzjoni f'sitwazzjoni ta' kriżi (ARGUS) u Franza talbet assistenza permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM) biex dan jipprovdi appoġġ konsulari għar-ripatrijazzjoni ta' ċittadini tal-UE minn Wuhan. Id-Danimarka wkoll attivat il-UCPM għar-ripatrijazzjoni minn Wuhan fid-9 ta' Frar. Attivazzjonijiet oħrajn tal-UCPM mill-Italja u r-Renju Unit ippermettew ir-ripatrijazzjoni, fil-21 ta' Frar, ta' ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit mill-bastiment ta' kruċiera Diamond Princess ittrakkat f'Yokohama fil-Ġappun. B'kollox, ir-ripatrijazzjoni ta' 515-il ċittadin tal-UE lura lejn l-Ewropa ġiet ikkofinanzjata mill-baġit tal-Unjoni permezz tal-UCPM.

Fl-isforzi biex jiġi indirizzat il-COVID-19, il-UCPM intuża wkoll minn xi Stati Membri għall-koordinazzjoni u l-kofinanzjament ta' provvisti mediċi ta' emerġenza lil pajjiżi terzi, kif ukoll biex jiġu kkomunikati l-ħtiġijiet tagħhom għal provvisti mediċi addizzjonali.

Fit-30 ta' Jannar 2020 id-WHO ddikjarat li t-tifqigħa tal-COVID-19 hi Emerġenza għas-Saħħa Pubblika ta' Tħassib Internazzjonali (PHEIC). Hija tat parir biex il-pajjiżi kollha jħejju ruħhom għall-konteniment, inkluż is-sorveljanza attiva, l-identifikazzjoni bikrija, l-iżolament u l-ġestjoni tal-każijiet, it-traċċar tal-kuntatti u l-prevenzjoni tax-tixrid ulterjuri.

Fl-UE, il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC)<sup>1</sup> flimkien mal-Kummissjoni jikkoordinaw il-komunikazzjoni tar-riskju u tal-kriżi u r-risponsi tal-Istati Membri għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa. Sat-2 ta' Marzu 2020, ġew imsejħa għaxar laqgħat tal-HSC bħala rispons għall-COVID-19.

Fis-7 ta' Frar 2020, il-Presidenza sejħet vidjokonferenza ta' Livell Għoli, fejn l-Istati Membri, flimkien mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) kellhom l-opportunità li jeżaminaw is-sitwazzjoni attwali u jiddiskutu kwistjonijiet ta' importanza mill-perspettiva tas-saħħa pubblika li rriżultaw mit-tifqigħa tal-COVID-19. L-Istati Membri skambjaw informazzjoni dwar il-miżuri u l-attivitajiet li twettqu. Barra minn hekk, huma qasmu u qabblu l-esperjenzi tagħhom dwar l-attivazzjoni tas-sistemi nazzjonali għar-rispons għal emerġenzi għas-saħħa pubblika. L-iskambju ta' fehmiet wera li l-livell ta' attivazzjoni tas-sistemi nazzjonali kien differenti bejn l-Istati Membri, skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika.

Fit-13 ta' Frar 2020, il-Presidenza Kroata sejħet laqgħa straordinarja tal-Kunsill (EPSCO), fejn il-Ministri għas-Saħħa kellhom skambju ta' fehmiet dwar il-miżuri meħuda u ddiskutew il-mezzi u l-possibbiltajiet għal approċċ koordinat għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika fl-UE. Il-ministri rriflettew ukoll dwar l-impatti ta' sitwazzjonijiet mhux mistennija f'pajjiżi terzi fuq il-provvista ta' prodotti mediċinali u apparat mediku fl-UE u qablu li hija meħtieġa analiżi komprensiva tas-sitwazzjoni.

---

<sup>1</sup> Stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 1082/2013 dwar theddid transkonfinali għas-saħħa.

F'dik il-laqgħa l-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-COVID-19<sup>2</sup>, fejn laqa' r-rispons effikaċi tal-UE għall-isfidi li jirriżultaw mit-tifqigħa tal-COVID-19, u ħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom. Huma appellaw ukoll lill-Kummissjoni biex teżamina modi kif tiffaċilita l-aċċess tal-Istati Membri għat-tagħmir ta' protezzjoni personali u biex tevalwa l-konsegwenzi ta' theddid għas-saħħa globali għad-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali fl-UE u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista.

Mill-21 ta' Frar 2020 'l hawn, ġiet irreġistrata żieda sinifikanti ta' każijiet tal-COVID-19 fl-Italja, u anke Stati Membri oħra bdew jirreġistraw żidiet fil-każijiet li jindikaw li l-marda issa hija trasmessa fl-UE stess u ma għadhiex limitata, kif kienet qabel, għal "każijiet importati". Barra minn hekk, il-COVID-19 irriżulta f'imwiet fl-UE f'dawn l-aħħar għaxart ijiem.

Minkejja l-isforzi li saru biex jiġu indirizzati l-isfidi kkawżati mill-COVID-19, għad hemm inċertezzi sinifikanti dwar dan it-tip ġdid ta' mard li jittieħed. Il-fatt li f'hafta Stati Membri l-maġġoranza vasta tal-każijiet tiġi kkawżata minn trasmissjoni fil-pajjiż innifsu jfisser li l-mezzi biex tiġi miġġielda l-marda issa qed jinbidlu. Hekk kif is-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-infezzjoni tal-COVID-19 teħzjen, jeħtieġ li ssir riflessjoni ulterjuri dwar kif miżuri ta' konteniment u prevenzjoni jista' jkollhom l-akbar effett, kif ukoll li jiġi vvalutat il-livell ta' tħejjija u l-ħtieġa għal rispons koordinat fil-livell tal-UE.

F'konformità ma' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza ddeċidiet li taġġorna l-IPCR għal modalità ta' attivazzjoni sħiħa u li tlaqqa' laqgħa straordinarja oħra tal-Kunsill (EPSCO) fis-6 ta' Marzu 2020, fejn il-Ministri għas-Saħħa ser ikollhom l-opportunità li jevalwaw is-sitwazzjoni attwali u l-miżuri li diġà ttieħdu, sabiex jinstab l-aħjar approċċ għal rispons koordinat għat-tixrid attwali tal-COVID-19 fl-UE.

Sabiex tiġi strutturata d-diskussjoni, il-Presidenza ħejjiet mistoqsijiet li d-delegazzjonijiet tal-Istati Membri huma mistiedna jwieġbu għal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill.

---

<sup>2</sup> ĠU C 57, 20.2.2020, p. 4-7.

**MISTOOSIJET BIEX JIGGWIDAW ID-DISKUSSJONI:**

- 1) Kif tivvalutaw il-mekkaniżmi eżistenti fil-livell tal-UE fid-dawl tal-isfidi li jirriżultaw mit-tixrid tal-COVID-19 fl-Ewropa? Tistgħu tissuġġerixxu attivitajiet addizzjonali li jistgħu jkunu ta' għajjnuna biex tkompli titjeb il-komunikazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni?
- 2) B'kont meħud tal-pass attwali tat-tixrid tal-COVID-19 fl-UE, kif tivvalutaw l-effikaċja tal-miżuri attwalment fis-seħħ f'pajjiżkom? Tistennew li tiffokaw inqas fuq miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija sabiex tikkonċentraw fuq it-trattament jekk is-sitwazzjoni epidemjoloġika tiddeterjora?
- 3) Tivvalutaw il-miżuri diġà stabbiliti mill-Kummissjoni bħala li jagħtu biżżejjed assistenza lill-Istati Membri jekk, minkejja l-miżuri meħuda, ikompli t-tixrid tal-COVID-19? Tistgħu tissuġġerixxu attivitajiet addizzjonali li jkunu utli biex pajjiżkom jiġi meġjun f'sitwazzjoni bħal din?

---